**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 124/97

Alfred Debono

vs

Segretarju Permanenti u/jew Direttur Generali tal-Public Works

Illum 24 ta' Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrenti sofra ingustizzja meta gie eskluz mill-promozzjonijiet li nghataw f'dan il-perjodu mid-Dipartiment tal-Public Works oltre li fl-istess perjodu gie moghti bosta transfers.

Illi l-fatti kienu s-segwenti:

1. Ir-rikorrenti dahal fl-impieg mal-Gvern fit-28 ta' April 1975 u dan bhala Works technical Officer fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ir-rikorrent huwa bniedem kwalifikat u ghandu c-certifikati necessarji in evidenza ta' dan. Kopji taghhom gew annessi.

2. Fil-perjodu in kwistjoni huwa nghata bosta transfers kif jista jigi ppruvat.

3. Fis-16 ta' April 1990 huwa applika ghall-post ta' Technical Officer III (District Services) Works Department izda gie kklassifikat fis-sittax il-post mill-interviewing board u dan minkejja l-kwalifiki u l-esperjenzi li kellu. Jigi sottolineat illi ir-rikorrent kien ilu Technical Officer II mill-1981.

4. Irid jinghad ukoll illi fil-promozzjoni mnedija ir-rikorrenti gie maqbuz minn impjegati li sal-1987 kienu ghadhom W.T.O. Illum dawn l-istess persuni huma principals filwaqt li ir-rikorrenti stante r-riforma huwa Senior Technical Officer li huwa ekwivalenti ghall-Technical Officer II.

   Illi ir-rikorrenti kien bi hsiebu jipproduci bhala xhieda l-persuni dettaljati fl-annessa lista.

   Ghaldaqstant ir-rikorrent talab sabiex dana t-Tribunal joghgbu jezamina u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu ai termini tal-Att VIII tal-1997 u li jipprovdilu r-rimedju opportun billi jigi ordnat li jigi promoss ghall-Technical Officer III ossija principal, u li jithallas is-salarju lilu dovut konfacenti ghal dan il-grad, u dan retroattivament,

jew alternattivament, jekk dan ir-rimedju ma jkunx possibbli li jinghata lilu li jigi ordnat li jithallas kumpens sal-massimu stabbilit fil-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta ta' l-intimati li biha eccepew:

Illi stante li t-talba tar-rikorrenti hija primarjament dwar promozzjonijiet ir-rikorrenti mhux il-persuna idoneja li taghti dawn il-promozzjonijiet izda hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi r-rikorrenti kien applika ghall-grad ta' Ufficjal teckniku III skond cirkulari Nru 58/90 tat-30 ta' April 1990 u r-rizultat tal-interviews jigi determinat minn bord mahtur mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku fuq liema Bord ir-rikorrenti ma ghandu l-ebda kontroll.

Illi skond l-artikolu 5(3)(b) tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrenti jrid jipprova li ezawrixxa r-rimedji kollha li kellu quddiem l-istess Kummissjoni, u ghalhekk, jekk ikun il-kaz, ghandha tigi kjamata l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess ir-rikorrenti kien gie mpjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-28 ta' April 1975 bhala Temporary Works Technical Officer u lahaq il-grad ta' Works Technical Officer fit-30 ta' Ottubru 1978.

Illi fit-31 ta' Dicembru 1979 ir-rikorrenti kien gie promoss ghall-grad ta' Ufficcjal tekniku I u sussegwentement ghall-grad ta' Ufficjal Tekniku II b'effett mit-12 ta' Novembru 1981.

Illi bir-riforma li sehhet fis-settur pubbliku ir-rikorrent kien gie assimilat fil-grad ta' Senior Technical Officer b'effett mill-1 ta' Jannar 1991.

Illi rigward l-allegati trasferimenti jinghad illi dawna dejjem kienu trasferimenti interni fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u skond l-esigenzi ta' l-istess Dipartiment.

Illi t-trasferimenti interni saru kif gej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 15/5/1987 | sa | 20/05/1987 | Sezzjoni tal-Apprendisti, |
| 21/05/1987 | sa | 25/05/1987 | Housing Section |
| 26/05/1987 | sa | 07/06/1987 | Tarmac Plant |
| 08/06/1987 | sa | 30/06/1987 | Distrett |
| 01/07/1987 | sal-lum | | Drenagg |

Ghaldaqstant l-intimati talbu lil dan t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet “John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha” deciza fis-7 ta’ Mejju, 1998 u cioe’:

“Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta’ l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista’ tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi: Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita’ ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita’ bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 110 ta’ din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita’ ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk…

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal.  Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.  Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit".  Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhux sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida.  Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja.  Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3)  (a) "Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att."

Fl-Ewwel Skeda  - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja."

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li fl-1987 wara li nbiddlet l-Amministrazzjoni tal-pajjiz gie imsejjah lura fil- Works Department mill-Ministeru tal-Industrija billi sa’ l-elezzjoni kien jippresta servizz fis-Segretarjat tal-Ministru Karmenu Vella. Gie posted fuq il-Progett tal-Apprentisti, wara jumejn gie trasferit fuq il-progett tal-Housing f’Hal-Qormi. Minn hawn baghtuh t-Tarmac Section Hal Far, u mbaghad fid-Distrett ta’ Haz-Zebbug u wara fis-sezzjoni tad-Drenagg fejn hekk ghadu sal-lum. Dawn it-transfers kollha sehhew f’temp ta’ anqas minn xahrejn b’ordni mill-Ministeru.

Fis-16 ta’ April 1990 applika ghall-post ta’ Technical Officer III (District Service) wara sejha b’cirkolari Numru 58/90 datata 3 ta’ April 1990 u gie klassifikat fis-sittax il-post u dan nonostante l-kwalifiki u l-esperjenza li kellu. Dak iz-zmien li applika kien Technical Officer II u kien ilu f’dan il-grad mill-1981. Uhud minn dawk li gew promossi saru Technical Officer II wara l-Elezzjoni tal-1987 u tliet snin wara regghu gew promossi ghall-Technical Officer III. Hawn irrefera ghall-Charles Meilaq, u Carmel Agius. Fost is-sitta li gew promossi ghall-Technical Officer III (District Services) kien hemm persuni b’anqas kwalifiki u esperjenza minnu.

Xehed Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet, u qal li r-rikorrent kien applika fl-1990 biex jilhaq Tech officer 3. Fil-fatt hu kien gie klassifikat is-16 waqt li dahlu 4. Fil-fatt din kienet riservata ghal technical officers 2 u ghalhekk dawk kollha

li applikaw kienu kollha technical officers 2. Fil-fatt ir-rikorrent kien sar technical officer 2 fit-12 ta` Novembru 1981. Propjament dahlu 6 ghax kien hemm vacant posts 4 u additional posts tnejn ohra u ghalhekk b` kollox lahqu 6. Dawn is-6 minn nies kienu Charles Meilak, Vincent Cilia, Charles Agius, Joseph Gouder, Joseph Schembri u Carmel Fenech. Fil-bord kienu l-Perit Joseph Briffa, l-Engineer Vince Magri u r-rapprezentant tal-MPO kien is-Sur Garrone.

Scicluna semma li ilu jahdem fid-dipartiment mill-1986. Lil Charles Meilak jafu, u mistoqsi qal li fejn jaf hu jissimpatizza mal-Partit Nazzjonalista. Dwar Vince Cilia ma jafx fuqu. Esebixxa dokument "PSX" li elenka d-dati meta gew appuntati Technical Officer 2 Alfred Debono [1981], Joseph Gouder [1979], Vincent Cilia [1987], Charles Meilak [1987], Charles Fenech [1987], Charles Agius [1989], u Joseph Schembri [1989].

Semma li r-rikrorent dahal jahdem mal-Gvern fit-28 ta` April 1975. Joseph Schembri kien dahal fit-8 ta` Gunju tal-1970, Cilia Vince fit-8 ta` April 1968, Gouder dahal fid-9 ta` Mejju 1956, Fenech Carmel 7 ta` Novembru 1955, Agius Charlie fid-29 ta` Awissu 1970 u Meilak Charles 12 ta` Marzu 1962.

Ir-rekwiziti kienu mqassma fuq erba` kriterji principali li kienu esperjenza u gharfien tad-Dipartiment li kellu 35%, leadership u responsibility 35%, personal qualifications 20% u personalita` 10%. Minn dawn ir-rikorrent inghata 20, 20, 10, u 7.

Ghalhekk dwar qualifications ir-rikorrent nghata 10 marki mentri Fenech 10, Gouder 16, Schembri 11, Cilia 19, Meilak 12.

Dwar esperjenza fid-Dipartiment irrileva li r-rikorrent bejn l-1983 u l-1987 kien qed jahdem f`dipartiment estran u ma kienx fiq-Dipartiment tax-Xogholijiet allura dik affettwatu negattivament meta nghataw il-marki allokati ghaliha. Fil-fatt Fenech nghata 25 marka, Gouder 30, Schembri 30, Cilia 25, Debono 20, Meilak 34, u Agius 30 marka, dejjem skond kemm kellhom snin servizz fid-dipartiment koncernat. Ir-rikorrent fil-fatt applika ghas-sejha partikolari msemmija fir-rikors.

Ir-rikorrent kien applika ghad-District Services u fuqha mal-istess sejha hemm spjegazzjoni cara ta` xi kwalifiki kellu jkollhom u x`kien mehtieg mill-istess applikanti. Rekwiziti u esperjenza kienu bazati fuq l-istess sejha.

Zied li dwar it-transfers li nghata r-rikrorent mir-risposta tad-dipartiment jirrizulta li t-transfers imsemmija kollha sehhew f` perjodu ta` xahar, liema xahar precizament wara li gie r-rikorrent lura mid-Diaprtiment tal-Industrija fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Semma li jaf lir-rikorrent personalment u jaf li hu bniedem tal-affari tieghu hafna u assuma li t-transfers li nghata dak ix-xahar sakem instabet sezzjoni tajba ghalih. Ma kienux transfers vendikattivi jew transfers kwalinkwe imma kienu trasferimenti biss ta` 4 ijiem, 6 ijiem, minn Mejju sa Gunju sakemm intbaghat fis-sezzjoni tad-drainage fejn ghadu hemmhekk sal-lum.

Qabel li 3 mill-kriterji u cioe` Experience, Leadership u Personality huma elementi suggettivi hlief ghall-fatt ta` experience li marbuta wkoll man-numru ta` snin ta` servizz. Dawn flimkien jammontaw ghal 80% tal-marki allokati. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd barra mir-rikorrent li kellu certifikati fil-building construction and architectural draughtsmanship isponda li Cilia attenda korsijiet ghal "diploma in constructive geometry and mechanical engineering draughtsmanship and design." Jirrizulta li hu r-rikorrent l-uniku wiehed fost is-7 li kellu dan ic-certifikat.

Il-Perit Joseph Briffa xehed li kien jahdem ghal 34 sena mal-Public Works u llum il-gurnata irtirat. L-ahhar li kien direttur tal-Construction u spicca f`Dicembru tal-1997. Lir-rikorrent jafu meta kien inkarigat mid-Drenagg u r-rikorrent kien jahdem u hu kien Assistent Direttur f`dik is-sezzjoni. Xehed li r-rikorrent kien bniedem kompetenti u kien jaf ix-xoghol tieghu sewwa. Kien jafu wkoll il-Housing. Kien gie inkarigat biex joqghod chairman ghall-bord ghal technical officer 3.

Fuq il-Bord mieghu kien hemm Vince Magri Works Manager u Victor Garrone li kien miet matul il-bord u kien gie sostitwit minn Stephen Spiteri. L-inginier Magri u l-Perit Briffa kienu li jafu lill-applikanti. Naturalment f` dan il-bord l-ezercizzju huwa wiehed suggettiv fis-sens li huwa diskrezzjonali meta tigi ghal elementi bhal leadership u personalita`. Dwar kwalifiki tar-rikorrent semma li hu kkwalifikat. Wiehed mill-applikanti kien Charles Meliak u zied li ma jafx jekk kienx jissimpatizza mal-Partit Nazzjonalista Charles Meilak. Lil Vince Cilia jafu fid-drainage section, u kellu ideja li aktar iva

milli le kien jissimpatizza mal-Partit Nazzjonalista. Lil Charles Agius u Joseph Gouder qatt ma tkellem maghhom fuq politika. Kemm lir-rikorrent Alfred Debono kif ukoll lil Charles Meilak jafhom jahdmu b` mod sodisfacenti, b` mod tajjeb.

Ikkunsidra dwar il-promozzjoni li t-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni jesprimi rihu dwar seniority. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ma jidhirx li fil-kaz in ezami kienu jezistu dawn l-elementi li jiggustifikaw li l-principju tas-seniority kellu jigi mormi daqshekk. Izda mis-sitta li saru wiehed biss kien aktar anzjan mir-rikorrent. Dwar kwalifiki huwa veru li r-rikorrent ma kellux ) "O" Levels bhal xi whud mill-ohrajn, izda rrizulta li r-rikorrent kien l-uniku wiehed fost is-7 li kellu c-certifikat fil-building construction and architectural

draughtsmanship. Kien hemm Agius li lehaq li dwar O levels kien bhar-rikorrent.

Ukoll tnaqqsu l-marki lir-rikorrent minhabba li peress li ghadda zmien il-Ministeru u ghalhekk ma kienx jahdem fid-dipartiment. Dan hu punt interessanti quddiem it-Tribunal fejn quddiem diversi bordijiet li jirrakkomandaw hatriet kull tant issib dawk li jqisu dan vantagg u kull tant l-oppost. Infatti kull tant jitqies li aktar ma persuna iddur sezzjonijiet aktar ikolla esperjenza generali tax-xoghol, waqt li bordijiet ohra jaghtu aktar marki lis-sezzjoni specifika.

Ma jirrizultax lit-Tribunal li fil-kaz in ezami l-bord mexa kif suppost. Lit-Tribunal tirrizultalu ingustizzja fil-kaz li r-rikorrent ma inghatx il-promozzjoni kif specifikata fl-Att VIII tal-1997. Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, jilqa' ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Technical Officer III jew kariga ekwivalenti b'effett mid-data li fiha inghataw l-appointment l-ohrajn u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Dwar it-transfers it-Tribunal ma jsibx l-ilment gustifikat. Huwa logiku li meta jitbiddel Gvern dan ghandu certu drittijiet li jbiddel impjegati fil-Ministeru liema impjegati jkunu jgawdu aktar fiducja quddiem ghajnejhom basta li dan ma jsirx ghal xi raguni vendikattiva ta' min jigi trasferit izda ghal efficjenza ahjar. Hu necessarju wkoll li min jigi trasferit ma jigix trasferit ghal xi post ta' kastig, il-boghod

kemm jista' jkun u f'kundizzjonijiet hziena. Ma jistax jigi trasferit diversi drabi. Dan ma irrizultax fil-kaz tar-rikorrent hlief li saru diversi transfers izda dawn fil-fehma tat-Tribunal saru sakemm instab post idoneju ghar-rikorrent u wara ma giex trasferit. Ghalhekk ma ssibx l-ilment gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat rigward it-transfers.

Spejjez kontra l-intimat.